

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) ħadhet l-appell u ddeċidiet li Hércules Club de Fútbol, S.A.D. għandha tbatli l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (Spanja) fit-12 ta' Ġunju 2019 – Subdelegación del Gobierno en Toledo vs XU

(Kawża C-451/19)

(2019/C 432/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Subdelegación del Gobierno en Toledo

Konvenut: XU

Domandi preliminari

- 1) Fid-dawl tal-Artikolu 68 tal-Kodiċi Ċivili Spanjol li jipprovi li l-konjuġi għandhom jgħixu flimkien, l-obbligu impost fuq ċittadin Spanjol li ma eżerċitax id-dritt tiegħu ta' moviment, li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Real Decreto 240/2007, sabiex jiġi rrikonoxxut id-dritt ta' residenza tal-wild minuri ta' Stat terz, skont l-Artikolu 7(2) tar-Real Decreto, jista' jimplika, f'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfatti, li hemm ksur tal-Artikolu 20 [TFUE] jekk, b'konsegwenza tar-rifjut ta' dan id-dritt, iċ-ċittadin Spanjol jkun obbligat jitleq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu.
- 2) Fi kwalunkwe każ, indipendentement mis-suespost u mir-risposta għad-domanda preċedenti, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fosthom, *inter alia*, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2018, C-82/16, KA *et vs* Belgische Staat⁽¹⁾, l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi l-prassi tal-Istat Spanjol li tikkonsisti fl-applikazzjoni awtomatika tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Real Decreto 240/2007, billi tirrifjuta l-permess ta' residenza lil ċittadin ta' Stat terz, wild minuri ta' Stat terz, tal-konjuġu ta' Stat terz ta' ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu, sempliċiment u esklużivament peress li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-artikolu, mingħajr ma twettaq eżami konkret u individwali tal-kwistjoni dwar jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ta' natura tali li, għal xi raġuni tkun xi tkun u fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, twassal sabiex f'każ ta' rifjut tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, iċ-ċittadin tal-Unjoni ma jkunx jista' jissepara ruħu mill-membri tal-familja li huwa jiddependi fuqu u jkun obbligat li jitleq mit-territorju tal-Unjoni? U dan iktar u iktar meta iċ-ċittadin Spanjol u martu minn stat terz huma l-ġenituri ta' wild minuri Spanjol li jista' bl-istess mod isib ruħu obbligat li jitleq mit-territorju Spanjol biex isegwi l-ġenituri tiegħu?

⁽¹⁾ Sentenza tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju) (C-82/16, EU:C:2018:308).